MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1477/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**

**Vs**

**Odessa Anna Green (46777 M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ mitejn u sitta w erbghin lira Maltin u hames centezmi (Lm246.05c) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum u kera ta’ meters ta’ l-ilma u ta’ l-elettriku, li jammontaw ghas-somma ta’ tlieta u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm63.27c) ghall-konsum ta’ l-ilma u kera ta’ meter ta’ l-ilma u kwantu ghas-somma ta’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm182.78c) ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera

ta’ meter ta’ l-elettriku fil-fond 109, Kenneth Flat 1, Triq San Filippu, B’Bugia matul il-perjodu mid-9 ta’ Mejju, 2001 sal-14 ta’ Jannar, 2003 skond il-kont numru 1000050092.

Ra li l-konvenuta Odessa Anna Green, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 t’Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ mitejn u sitta w erbghin lira Maltin u hames centezmi (Lm246.05c) bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------